# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Ġunju, 2024.**

**Numru 5**

## Rikors numru 70/2017/1 GM

***HSBC Bank Malta p.l.c.* (C-3177)**

***v.***

**Joseph Portelli u Doris Portelli bħala garanti solidali ta' *Bolin Construction Ltd* (C-8698) qabel imsejħa *Bolin Construction Company Ltd***

1. Dan huwa appell tas-soċjetà attriċi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili illi kkundannat lill-konvenuti jħallsuha somma anqas minn kemm kienet talbet l-attriċi u kkundannatha tħallas sehem mill-ispejjeż tal-kawża.

2. L-attriċi tgħid illi b'żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, waħda fl-24 ta' Frar 2014 u l-oħra fid-9 ta' April 2014, hija ġiet kanonizzata kreditriċi tas-soċjetà *Bolin Construction Ltd*:

»… fis-somma ta' tliet miljuni mitejn u disgħa u erbgħin elf u tlieta u disgħin euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€3,249,093.26) bħala kapital u mgħaxijiet maħduma bir-rata ta' mgħax sempliċi sat-28 ta' Marzu 2013 u mgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' Marzu 2013 bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament, kif ukoll s-somma ta' seba' mija u sebat elef, mitejn u ħamsa u sebgħin euro u sebgħa u disgħin ċenteżmu (€707,275.97) bħala kapital u mgħaxijiet rispettivament maħduma bir-rata ta' mgħax sempliċi sat-28 ta' Marzu 2013 u imgħaxijiet ulterjuri mid-29 ta' Marzu 2013 bir-rata ta' 8% fis-sena sad-data tal-effettiv pagament.«

3. L-attriċi tgħid ukoll illi l-konvenuti huma garanti solidali tas-soċjetà debitriċi. Billi s-soċjetà debitriċi baqgħet ma ħallsitx, u l-konvenuti wkoll, għalkemm imsejħa b'ittra ġudizzjarja tad-19 ta' April 2011 sabiex iħallsu żewġ miljuni u sebgħa u disgħin elf euro (€2,097,000), baqgħu ma ħallsux, u llum għandhom jagħtu żewġ miljuni u tliet mija u sitta u erbgħin elf, ħames mija u sitta u tletin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€2,346,536.71) – miljun u sitt mija u tletin elf u ħames mija u wieħed u sittin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,630,561.38) bħala kapital u seba' mija u ħmistax-il elf, disa' mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€715,975.33) bħala imgħaxijiet sas-17 ta' Ġunju 2016 – l-attriċi fetħet din il-kawża u talbet illi l-qorti:

»1. tiddikjara illi l-konvenuti solidalment bejniethom bħala garanti solidali tal-kumpannija *Bolin Construction Limited* huma debituri tal-bank rikorrenti fis-somma ta' żewġ miljuni u tliet mija u sitta u erbgħin elf, ħames mija u sitta u tletin euro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€2,346,536.71) rappreżentanti miljun u sitt mija u tletin elf u ħames mija u wieħed u sittin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,630,561.38) bħala kapital u seba' mija u ħmistax-il elf u disa' mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€715,975.33) bħala mgħaxijiet maħduma sas17 ta' Ġunju 2016 b'imgħax sempliċi *oltre* mgħaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mit-18 ta' Ġunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament;

»2. tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu l-imsemmija somma globali ta' żewġ miljuni u tliet mija u sitta u erbgħin elf, ħames mija u sitta u tletin ewro u wieħed u sebgħin ċenteżmu (€2,346,536.71) rappreżentanti miljun u sitt mija u tletin elf u ħames mija u wieħed u sittin euro u tmienja u tletin ċenteżmu (€1,630,561.38) bħala kapital u seba' mija u ħmistax-il elf u disa' mija u ħamsa u sebgħin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€715,975.33) bħala mgħaxijiet maħduma bir-rata ta' mgħax sempliċi sas-17 ta'

Ġunju 2016 *oltre* imgħaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena mit-18 ta' Ġunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.«

4. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

»… … …

»2. L-eċċepjenti Doris Portelli ma taf xejn dwar dan id-dejn u lanqas ma taf li għamlet xi garanzija. Hija għalhekk f'dan l-istadju qiegħda tikkontesta kemm il-garanzija tagħha u ta' żewġha, kemm id-dejn, u ser tistenna li l-bank attur jagħmel il-provi sħaħ tiegħu.

»F'kull każ u mingħajr preġudizzju l-attur *HSBC Bank Malta plc* qatt ma kkomunika magħha dwar dan id-dejn, jew dwar l-ispejjeż jew l-imgħaxijiet.

»Lanqas ma ġiet avżata jew ingħatat iċ-ċans li tikkontesta l-kawżi li fuq is-sentenzi tagħhom l-istess attur qiegħed jipproċedi f'din il-kawża.

»3. Anke l-eċċepjent Joseph Portelli ma ngħatax tagħrif dwar l-ispejjeż u l-imgħaxijiet reklamati.

»Lanqas ma ġie notifikat jew ingħata ċ-ċans li jikkontesta l-kawżi li fuq is-sentenzi tagħhom il-bank attur qiegħed jipproċedi f'din il-kawża.

»4. Il-bank attur għandu jipprovdi dettalji sħaħ tas-self avvanzat lis-soċjetà *Bolin Construction Ltd* u l-ħlasijiet li saru kemm mill-istess *Bolin Construction Ltd* kemm mill-garanti l-oħrajn. Il-bank għandu jippreżenta kull ftehim li għamel kemm mad-debitur prinċipali kemm mal-garanti individwali u partikolarment dwar il-bilanċ li kellu jitħallas mill-garanti l-oħrajn.

»Il-bank għandu jippreżenta kull ftehim li għamel kemm mad-debitur prinċipali kemm mal-garanti individwali partikolarment dwar il-bilanċ li kellu jitħallas l-garanti u jekk u kif qasam l-azzjoni għall-ħlas.

»5. Mingħajr preġudizzju għas-suespost il-bank attur kien wasal fi ftehim mal-esponent Joseph Portelli flimkien ma' Dr Ivan Vella dwar somma li kellha titħallas għas-saldu ta' kull pretensjoni fir-rigward u ebda ħlas iżjed minn dak miftiehem ma huwa dovut.

»6. F'kull każ ukoll u mingħajr preġudizzju l-garanzija li fuqha qiegħed jistrieħ il-bank attur mhijiex valida għal kollox jew in parti, u f'kull każ l-esponenti jew min minnhom huma meħlusa mill-ħlas għal kollox jew in parti.«

5. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

»1) tilqa' *in parte* l-ewwel talba billi tiddikjara illi l-konvenuti solidament bejniethom bħala garanti solidali tal-kumpannija *Bolin Construction Limited* huma debituri tal-bank attur fis-somma ta' €284,183.14 b'imgħax legali bir-rata ta' 8% fis-sena mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

»2) tilqa' *in parte* t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom iħallsu l-imsemmija somma.

6. Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

| | |
|---|---|
| »31.10.1995: | Bi skrittura privata, il-konvenuti u Ivan Vella u martu daħlu garanti solidali għal debiti (futuri) ta' *Bolin Construction Limited* ("*Bolin*") li tagħha l-konvenut Joseph Portelli u Ivan Vella kienu diretturi. Mar-rikors maħluf ġiet esibita fotokopja mhux awtentikata. Fuq domanda tal-atturi biex jiġi esibit l-oriġinal tal-garanzija, ġiet esibita kopja fotostatika tagħha "awtentikata" minn uffiċjali tal-bank. Xhud tal-firma hemm ċertu S.F. Portelli li kien manager tal-*bank*. Il-garanzija kienet għall-ammont massimu ta' Lm700,000 bl-imgħax relattiv u bl-ispejjeż għal kwalunkwe debitu futur "*including any further advances made by you to the principal during the three calendar months period* …" |
| »20.12.1995: | Il-bank ta faċilità ta' self lil *Bolin* – Lm700,000 (€1,630,561.38) – għall-kostruzzjoni ta' *Sun City Complex* f'Wied-il-Għajn. Il-flus mislufin ma nħarġux fuq il-kuntratt u l-qorti m'għandha l-ebda evidenza meta nħarġu u f'liema ammonti. Fuq il-kuntratt ta' faċilità tas-self daħlet garanti *Sun City Leisure Company Limited*. |
| »05.03.1998: | Il-bank ta lil *Bolin overdraft* ta' Lm370,000 (€861868.16). Ġiet esibita kopja mhux awtentikata tal-kuntratt li minnha jirriżulta li l-konvenuti daħlu garanti solidali mal-konjuġi Vella, ma' *Sun City Leisure Limited* u ma' *Bolin*. |
| »26.06.2007: | Saret proposta ta' *repayment programme* mill-bank. |
| »27.06.2007: | Sar pagament ta' Lm16,742.70 (€39,000) skont rappreżentant tal-bank; ma ġewx esibiti dokumenti. |
| »19.11.2007: | Sar pagament ta' Lm2,146.50 (€5,000) skont rappreżentant tal-bank; ma ġewx esibiti dokumenti. |
| »21.07.2008: | Il-bank għamel proposta għal *repayment*. |
| »30.09.2008: | Sar pagament ta' Lm200,000 (€442,641.61) minn *Bolin*. |
| »01.10.2008: | Sar pagament ta' €23,235 minn *Bolin*. |
| »17.09.2009: | Sar pagament ta' Lm50,000 (€116,467.77) minn Ivan Vella. Ġie rilaxxat mill-obbligi tiegħu b'garanti bil-kunsens almenu apparenti tal-garanti l-oħra u tal-bank li ffirmaw fuq skrittura relattiva. Il-bank esebixxa tliet ittri ta' rilaxx, mingħajr data, waħda minn *Sun City Leisure Limited*, oħra minn *D.I.V. Limited* u l-oħra mill-konvenuti. |
| »22.12.2009: | Saret proposta indirizzata lil *Bolin*, … Għawdex. Dan l-indirizz jappartjeni lil Ivan Vella. Ingħata *deadline* sa Marzu 2010 wara liema data l-bank kien sejjer jipproċedi għas-*sub hasta* mingħajr avviż ieħor. |
| »19.04.2011: | Saret ittra uffiċjali lill-konvenuti u *Sun City Leisure Ltd* €2,097,000. |
| »17.06.2011 sa 22.09.2011: | Saru depożiti b'kollox ta' Lm28,000 minn Joseph Portelli. |

»24.02.2014: Ingħatat sentenza kontra *Bolin* għal €3,249,093.26 *re* faċilità ta' self.

»09.04.2014: Ingħatat sentenza kontra *Bolin* għal €707,275.97 *re* faċilitajiet ta' *overdraft*.

»Il-provi mressqa mill-bank:

»20.01.2017: Ġie ppreżentat ir-rikors maħluf li bih il-nank fetaħ din il-kawża: għal €1,630,561.38 kapital (Lm700,000) u €715,975.33 imgħax sas-17.06.2016 b'imgħax sempliċi = €2,346,526.71 skont *statement* …

»L-i*statement* jibda bid-data 19.10.2010 u jispiċċa fis-17.06.2016. Għandu *opening balance* rappreżentanti l-kapital sħiħ u *simple interest running balance* ta' €47,399.5; u jagħlaq bl-istess kapital u imgħax ta' €702,785.91. Kienu saru tliet depożiti li minnhom jidher li nqata' l-imgħax – 17.06.2011, 13.07.2011 u 22.09.2011 ta' €18,000, €5,000 u €5,000 rispettivament.

»*Statements* oħrajn juru l-ammonti dovuti minn *Bolin* mid-dati tas-sentenzi bl-imgħaxijiet ulterjuri. Il-bank esebixxa *affidavit* ta' Brian Baldacchino, uffiċjal tal-bank, li ma jafx l-istorja personalment imma ġabarha mill-*file* relattiv tal-bank.

»Ħadd mill-uffiċjali tal-bank involuti direttament ma ttella' jixhed.

»Il-konvenuti talbu biex jiġi esibit fl-atti l-*file* sħiħ tal-bank relatat mal-faċilità in kwistjoni iżda l-bank oppona u l-qorti ordnatlu "biex iġib miegħu d-dokument mitlub biex ikun disponibbli waqt l-għoti tax-xhieda tiegħu". Huwa iżda m'obdiex l-ordni tal-qorti u minflok esebixxa kopja ta' partijiet minnu biss. Brian Baldacchino, ix-xhud tal-bank, qal li neħħa minnu pariri legali u korrispondenza interna.

»Fil-mori tal-kawża, permezz ta' nota tal-05.12.2017, l-attur informa lill-qorti li kienet inbigħet il-proprjetà ta' *Sun City* u l-bank tħallas €634,000 mir-rikavat tal-bejgħ, u li s-somma marret għat-tnaqqis tal-imgħax, kif jidher minn *statement* esibit, li, bħal ta' qablu, jibda mid-data tas-sentenzi suċċitati. Ġie ddikjarat li dan m'affettwax l-ammont dovut mill-konjuġi Portelli bħala garanti kif pretiż fir-rikors ġuramentat.

»Provi mressqa mill-konvenut:

»Ħlas lura tad-dejn mal-bank:

»Il-konvenut xehed li n-negozju ma marx tajjeb u għalhekk ġie deċiż illi jitwaqqaf. Bdew diskussjonijiet mal-bank kif se jitħallas id-dejn li kellha l-kumpannija. Il-bank issuġġerixxa illi jibdew jinbigħu partijiet mill-kumpless ta' Marsascala kif ukoll proprjetà kbira ġewwa Għawdex ta' xi tletin appartament u għoxrin garaxx.

»Biex jaderixxu mal-ordni tal-bank, ġew mibjugħin il-proprjetajiet kollha ġewwa Għawdex li kienu ta' valur sostanzjali flimkien ma' partijiet tal-kumpless ta' Marsascala (il-*pub*, il-*gelateria-restaurant* u l-*parking complex*).

»Kemm l-konvenut Portelli u anke Mr Vella xehdu illi, wara li sar dan il-bejgħ kollu, il-bank kien aċċetta li jixtri l-kumplament tal-proprjetà li kien baqa' minn *Sun City Complex* ġewwa Marsascala għall-valur ta' Lm700,000 u hekk kien jifdal Lm300,000 li kellhom jitħallsu nofshom mill-konvenut Portelli u nofshom minn Mr Vella. U hekk ikun inqata' d-dejn kollu li kellha l-kumpannija.

»Dwar dawn it-Lm300,000 kien hemm ipoteka personali fuqhom min-naħa tal-bank. Portelli kellu ipotekata d-dar matrimonjali u Vella kellu xi ħames jew sitt proprjetajiet kemm f'Malta u kemm f'Għawdex.

»Rigward il-propost bejgħ tal-proprjetà ta' Marsaskala lill-bank, kien hemm Lm84,000 taxxa bit-tnax fil-mija u, sabiex jigi frankat dan l-ammont (li la Mr Vella u lanqas Portelli ma kien fi stat li jħallsu), il-konvenut Portelli kien issuġġerixxa lill-bank li l-proprjetà tinbigħ *sub hasta*. Il-bank kien aċċetta din il-proposta, imma damu ħafna ma bdew il-proċeduri kontra l-kumpannija sabiex din issir.

»Portelli u Mr Vella kellhom struzzjonijiet mill-bank sabiex ma jirrispondu għal ebda proċeduri tal-qorti istitwiti kontra l-kumpannija sabiex hekk jitnaqqas id-dewmien. Infatti l-kawżi li ġew istitwiti kontra l-kumpannija, il-kumpannija stess kienet kontumaci. Mr Vella u Portelli baqgħu jistennew li ssir is-*sub hasta* iżda din is-*sub hasta* baqgħet ma saritx u dan ad insaputa tagħhom. Portelli jixhed illi darba fost l-oħrajn irċieva telefonata mill-bank li kien hemm ċertu Toni Ciappara interessat jixtri l-proprjetà li kien baqa' ġewwa Marsascala, avolja kemm Mr Vella u kemm Portelli mingħalihom li l-proprjetà kienet inbigħet *sub hasta*. Il-ftehim sar bejn il-bank u s-Sur Ciappara; Portelli u Mr Vella ma kienu jafu xejn. Dan ikkonfermah Mr Ivan Vella. Skond Mr Vella, ladarba sar dan il-bejgħ, mill-informazzjoni li kellu d-dejn kien inqata' kollu.

»Waqfien tal-imgħax:

»Skont Portelli, il-ftehim mal-bank kien li jekk jinbigħu il-proprjetajiet kollha t'Għawdex u Marsaskala, l-interessi fuq il-kapital kellhom jieqfu. Portelli jenfasizza l-fatt li għalkemm matul iż-żminijiet inbiddlu l-*managers* tal-bank, il-ftehim li jitwaqqfu l-interessi dejjem ġie onorat.

»Dan il-ftehim dejjem sar bil-fomm. Dan ikkoroborah Mr Ivan Vella waqt ix-xhieda tiegħu meta ġie prodott mill-konvenut. Il-ftehim sar mal-*manager* tal-bank Mario Testa. Fil-fatt Mr Vella jippreċiża li, wara dan il-ftehim, il-bank ma baqax jinsisti fuq l-imgħaxijiet. Mr Vella reġa' kkonferma dan il-ftehim meta reġa' ġie prodott mill-konvenut fi stadju aktar tard tal-proċeduri odjerni u jikkonferma li l-*manager* il-ġdid ta' dak iż-żmien – Edward Cassar - kien diġà jaf b'dan il-ftehim u ċjoè li l-imgħaxijiet kienu waqfu fis-sens li, għakemm kien inbidel il-*manager*, dan kien infurmat bil-ftehim li kellhom. Meta reġa' nbidel il-*manager* għal darb'oħra, u laħaq ċertu Keith, dan ukoll kien ikkonfermalu li l-imgħaxijiet kienu ilhom żmien twil li waqfu u kien baqa' biss il-bilanċ tal-kapital dovut. L-imgħaxijiet waqfu appena nbigħet il-proprjetà kollha t'Għawdex u l-bank ippretenda li jitħallas Lm700,000 mill-bqija tal-proprjeta` ta' Wied-il-Għajn.

»Il-*general manager* tal-bank, wieħed Ingliż, kien ikkonsulta lil Mr Ivan Vella – li huwa kirurgu tal-għajnejn – professjonalment, li operah b'suċċess. Vella kellmu fuq is-sitwazzjoni. Il-*general manager*, wara li ra l-*file*, ikkonstata li kien għad fadal bilanċ ta' Lm400,000 kapital x'jitħallas mill-garanti. Qabel li jnaqqas is-somma għal Lm300,000 li kellha titħallas nofs bin-nofs bejnu u bejn Portelli. Il-*general manager* ukoll ikkonferma li l-imgħaxijiet kienu ilhom li waqfu.

»Fin-nuqqas tal-esibizzjoni tal-*file* kollu, il-qorti mhix f'qagħda li taċċerta ruħha jekk kienx hemm korrispondenza interna dwar offerti li l-atturi jsostnu li ntlaqgħu, imbagħad inbidel il-*manager* u l-bank reġa' bdielu.

»Tneħħija tal-garanzija ta' Mr Vella:

»Rigward il-propjetajiet maqbuda bl-ipoteki, Mr Vella xehed illi, peress li huwa kellu aktar proprjetajiet ipotekati u Portelli kellu waħda biss, kellhom jitnaqqsu u mhux jitneħħew l-ipoteki kollha li kien hemm fuq ismu. Portelli jikkonferma b'dawn l-ilmenti ta' Mr Vella. Jgħid li ma kellux problema sabiex jitnaqqsu l-proprjetajiet ta' Vella u fil-fatt għalhekk iffirma d-dokument li fih hu u martu qed jaqblu dwar ir-rilaxx "*of the following items of security securing facilities in name of Bolin Construction Co. Ltd hereunder listed and renounce to any right at law which we may have to release or abatement of our liability as guarantor arising from such release by the bank*" għax mingħalih li kienu se jitnaqqsu l-proprjetajiet mhux li Mr Vella kien se jinħeles għal kollox bħala garanti. Sabiex martu ffirmat dan id-dokument, uffiċjali tal-bank marru d-dar tiegħu. Portelli jgħid li spjega lil martu li kienet se tiffirma sabiex jitnaqqsu l-proprjetajiet ipotekati li kellu Mr Vella. Id-dokument kien bl-ingliż u martu ma tafx taqra bl-Ingliż u lanqas ġie moqri lilha mill-uffiċjali tal-bank. Portelli jisħaq illi jħossu li l-bank kien obbligat li jispjegalu għal xiex kien qed jiffirma għax, kieku kien jaf, żgur li ma kienx jaċċetta li Mr Vella joħroġ għal kollox minn garanti.

»Ivan Vella wkoll ikkonferma li kien talab lill-bank inaqqasslu l-proprjetajiet ipotekati. Il-konvenut xorta waħda baqa' jsostni dan meta sarlu l-kontro-eżami. Il-bank ma pproduċiex lill-*manager* in kwistjoni u lanqas ipproduċa lil Chris Sladden li kien preżenti meta l-konvenuti ffirmaw fid-dar tagħhom stess.

»Spjega li dan sar billi l-konvenuti għandhom tifla inkapaċitata u għalhekk martu ma tkunx tista' toħroġ mid-dar. Qal ukoll li lill-mara l-uffiċjali tal-bank talbuha tiffirma mingħajr ma spjegawlha xejn. Il-qorti kellha l-opportunità li tara lill-konvenut jixhed *viva voce* quddiemha u waslet għall-konvinzjoni li xehed il-verità. Il-konvenut, għalkemm negozjant, m'huwiex ta' skola u kien jafda ħafna lill-uffiċjali tal-bank. Saħansitra anke waqt id-depożizzjoni tiegħu irrefera għalihom b'rispett. Barra minn hekk, il-qorti ssibha diffiċli kif il-konvenut kien sejjer jaċċetta li Ivan Vella jinħeles mill-garanzija a detriment kbir tiegħu stess.

»L-attur kellu jġib l-aħjar prova:

»Il-liġi proċedurali tagħna tesiġi b'mod kategoriku u enfatiku li trid tinġieb l-aħjar prova li l-parti tkun tista' tipproduċi (art. 559 tal-Kap 12). Esiġenza proċedurali mislufa mill-*common law* Ingliża tas-seklu dsatax. Fl-Ingilterra llum din ir-regola prattikament m'għadhiex teżisti. Ġà fis-sena 1968 imħallef Ingliż qal li "*the old rule that a party must produce the best evidence that the nature of the case will allow and that any less good evidence is to be excluded has gone by the board long ago*". Però kompla jgħid li baqgħet teżisti firrigward tal-produzzjoni [ta'] dokumenti oriġinali meta dawn ikunu disponibbli. Dan l-iżvilupp fil-liġi Ingliża sarraf f'xi sentenzi ta' dawn il-qrati: il-ġudikant jista' jinjora l-aħjar prova jew jagħtiha l-ġenb. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Appell irriteniet li jekk il-qorti tkun konvinta li l-provi jkunu ċari u mhux ekwivoċi, din il-prova titqies li hija l-aħjar prova mingħajr il-ħtieġa li l-qorti tesiġi prova "aħjar" minn dik imressqa. Però, fil-fehma ta' din il-qorti, il-produzzjoni tal-aħjar prova, li wara kollox baqgħet skolpita fit-test tal-liġi tagħna, tibqa' sagrosanta partikolarment fil-każ ta' prova dokumentali faċilment disponibbli. Tiswa għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenuti li l-bank ma ġabx l-aħjar prova dwar il-garanzija.

»Apparti l-premess, il-bank attur ma ġabx l-i*statements* kollha mill-bidu sal-aħħar, kif is-soltu jsir, u kif għandu jsir. Ippreżenta biss *statements* ta' *Bolin* – id-debitriċi prinċipali – mid-data tas-sentenzi 'l quddiem. Is-sentenzi ngħataw kontra *Bolin* biss, u għalhekk ma jagħmlux stat kontra l-konvenuti, anke jekk il-konvenut kien wieħed mid-diretturi ta' *Bolin*. Dan iktar u iktar billi *Bolin* kienet fi stat ta' kontumaċja billi l-konvenut u Ivan Vella ma kkontestawhiex fuq parir tal-bank stess. Ċertament il-bank naqas li jipproduċi l-aħjar prova li seta' jipproduċi – prova dokumentarja – u għalhekk il-bilanċ li jallega li għandu favurih il-bank ma ġiex ippruvat sal-grad meħtieġ mil-liġi.

»L-iktar evidenza soda li għandha l-qorti hi li, meta Ivan Vella nħeles mill-garanzija tiegħu, id-debitu tal-garanti kien meqjus li kien Lm300,000 għas-saldu ta' dak kollu dovut minnhom. Ivan Vella ħallas dak li l-bank ikkunsidra li kien "sehemu", jiġifieri nofs l-ammont, ċjoè Lm150,000. Dan fuq il-kelma ta' Mr Vella. Il-bank ma ppreżentax il-ftehim li seta' għamel bil-miktub ma' Mr Vella biex ħelsu minn garanti u jekk u kif qasam l-azzjoni għall-ħlas – kif tajjeb eċċepew il-konvenuti fir-raba' eċċezzjoni tagħhom.

»Anke jekk ma saritx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, jirriżulta li kien hemm vizzju tal-kunsens fir-rigward tal-ħelsien ta' Mr Vella mill-garanzija u għalhekk din ma tgħoddx almenu fir-relazzjoni bejn il-konvenuti u l-attur. Indipendentement minn dan, iżda, bil-ħlas minn Mr Vella, id-debitu xorta waħda naqas bin-nofs.

»Għalhekk huwa loġiku, u ġust, li l-qorti tikkonkludi li f'dak il-punt id-debitu tal-konvenuti kien ukoll ta' Lm150,000. Mis-17.06.2011 sa 22.09.2011 Portelli ħallas Lm28,000 u għalhekk fadallu bilanċ ta' Lm122,000 li llum jissarfu fi €284,183.14.«

7. Is-soċjetà attriċi appellat b'rikors tal-25 ta' Lulju 2022 u talbet illi din il-qorti:

»… … … tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn laqgħet it-talbiet attriċi, filwaqt li … tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ddikjarat li l-konvenuti huma debituri tal-bank biss fis-somma ta' €284,183.14, u mhux fl-ammont kollu kif mitlub, u fejn il-konvenuti ġew ikkundannati jħallsu l-ammont ta' €284,183.14 u mhux l-ammont kollu kif mitlub, kif ukoll tirriforma l-parti tas-sentenza fejn il-bank appellant ġie kkundannat iħallas żewġ terzi tal-ispejjeż tal-kawża billi tikkundanna l-konvenuti appellati jħallsu l-ispejjeż kollha; bl-ispejjeż ta' dan l-appell ukoll kontra l-konvenuti appellati.«

8. Il-konvenuti wieġbu fl-1 ta' Novembru 2023, ressqu eċċezzjoni ta' deżerzjoni tal-appell, u b'rikors tal-25 ta' Ottubru 2023 talbu illi din il-qorti tiddikjara l-appell deżert. B'dikriet tat-23 ta' Novembru 2023 din il-qorti ċaħdet ir-rikors u għalhekk nistgħu ngħaddu biex inqisu l-meritu tal-appell.

9. L-attriċi fissret l-aggravji fil-qosor hekk:

»1. Il-qorti ta' prim'istanza għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti u l-provi prodotti meta:

»a) waslet għall-konklużjoni li l-kreditu tal-bank favur il-konvenuti ma ġiex suffiċjentement ippruvat; u

»b) meta l-qorti, biex waslet għall-*quantum* tal-kreditu dovut mill-konvenuti lill-bank, straħet fuq ftehim li qatt ma kien ġie onorat, u għaldaqstant ma kienx jorbot lill-partijiet; u

»2. Il-qorti ta' prim'istanza kienet skorretta fil-konsiderazzjoni ta' dritt proċedurali meta ddeċidiet li l-garanzija u/jew rilaxx ta' Dr Ivan Vella ġew ottjenuti b'vizzju tal-kunsens, u dan *stante* li l-validità *o meno* tal-istess dokumenti ma kienx mertu tal-kawża u ma kien hemm ebda kontro-talba f'dan is-sens.«

10. Kompliet fissret l-ewwel aggravju hekk:

»… … …

»L-ewwel qorti … osservat li l-bank appellanti ma kienx ressaq provi dwar l-ammont pretiż, u li l-unika ċertezza li ħarġet kienet li l-bank kien aċċetta li jieħu għas-saldu tal-ammont pretiż is-somma ta' Lm 150,000 mingħand Dr Ivan Vella u s-somma ta' Lm 150,000 mingħand Portelli.

»Dawn l-osservazzjonijiet huma għal kollox żbaljati għar-ragunijiet li se jiġu spjegati hawn taħt:

»a) Nuqqas ta' prova dwar l-ammont pretiż:

»Din il-kawza tittratta talba għal ħlas mingħand żewġ garanti meta diġà kien hemm żewġ sentenzi deċiżi kontra d-debitur prinċipali fl-2014, liema sentenzi ma ġewx ikkontestati u huma finali. Dawn is-sentenzi għalhekk huma minnhom innifishom prova konklużiva ta' kemm kien l-ammont dovut mid-debitur prinċipali sa dik id-data.

»L-appellati jippruvaw jargumentaw li kien il-bank li qalilhom biex ma jikkontestawx dawn il-kawżi; madankollu huwa ovvju li r-raġuni prinċipali għalfejn ma saret ebda kontestazzjoni kienet li l-garanti Joseph Portelli u Dr Ivan Vella, ukoll diretturi tal-kumpannija debitriċi prinċipali, kienu jafu li l-ammont mitlub kien dovut u ma kellhom ebda kontestazzjoni valida, tant li kienu huma stess li ssuġġerew li l-proprjetà ta' Marsaskala għandha tinbigħ *sub hasta* biex jitħallas id-dejn in kwistjoni. Ċertament, li kieku f'dawn il-kawżi l-bank kien qed jitlob ammont akbar minn dak dovut, il-konvenuti kienu jikkontestawhom.

»Ladarba l-kreditu kontra d-debitriċi preżenti ġie kanonizzat b'sentenzi finali tal-qrati, huwa superfluwu li titressaq prova tal-ħlasijiet li saru qabel dik id-data. Madankollu – u għall-kuntrarju ta' dak illi, inspjegabbilment, stqarret l-ewwel qorti – il-bank xorta waħda, kemm mar-rikors promotur, kif ukoll fil-mori tal-kawża, ippreżenta diversi *statements* tal-bank li juru kemm l-ammonti dovuti kif ukoll il-ħlasijiet li saru, u dan kemm mill-kumpannija debitriċi prinċipali u mill-garanti l-oħra, kif ukoll mill-appellati Portelli bħala garanti. Infatti l-i*statement* anness mar-rikors promotur fil-konfront tal-konvenuti appellati ma jibdiex mid-data tas-sentenzi, kif qalet

l-ewwel qorti, iżda minn snin qabel. Saħansitra xehed Brian Baldacchino li bil-ġurament tiegħu kkonferma l-ammonti dovuti u eżibixxa dokumentazzjoni oħra relativa għall-ħlasijiet li saru matul is-snin. Tant hu hekk, li l-ewwel qorti fis-sentenza tagħha kkonfermat li rriżultawlha l-pagamenti kollha li saru kif indikati fl-i*statements*.

»Grad tal-prova

»L-ewwel qorti donnha tikkontendi li l-bank appellant ma ressaqx l-aħjar prova, għaliex ċerti dokumenti ma ġewx awtentikati.

»Huwa minnu li *ai termini* tal-artikoiu 559 tal-Kap. 12 il-qorti għandha tordna li ssirilha l-aħjar prova li parti tista' ġġib, iżda dan ma jiffisrx li, jekk issir prova oħra li m'hijiex l-aħjar wahda, din għandha tiġi skartata għal kollox, partikolarment fil-każ bħal dak in eżami fejn il-konvenuti ma kkontestawx il-validità tad-dokumenti mressqa mill-bank u lanqas ressqu xi prova kuntrarja li setgħet tpoġġi f'dubju dawn id-dokumenti. L-argument tal-kontro-parti ma kienx li l-ammonti mitluba ma kinux ġew mislufa lid-debitriċi prinċipali, jew li saru aktar ħlasijiet milli kien qed juri l-bank, iżda biss li, skont huma, sar ftehim biex id-dejn jiġi ridott u biex ma jinżammx imgħax fuq il-kapital.

»Fil-proċess ċivili, kuntrarju għall-kamp kriminaii, kemm fil-ġurisprudenza tal-qrati Maltin u kif ukoll fi kliem ġuristi barranin, il-prinċipju tar-regola tal-aħjar prova dejjem ġie interpretat fis-sens illi wieħed għandu jippreżenta l-aħjar prova neċessarja sabiex jikkonvinċi lill-qorti sal-prova tal-bilanċ tal-probabilità; dan il-grad ta' prova huwa biżżejjed. Sabiex il-prova mressqa tiġi skartata, bħal ma sar mill-ewwel qorti, irid neċessarjament ikun hemm xi fatti li jnaqqsu l-probabbilità u jdaħħlu suspett f'moħħ il-qorti illi probabbilment ma ġarax hekk. … … …

»*Del resto* l-artiklu 559, għalkemm ma jridx ifisser li l-qorti għandha tiggwida hi lill-parti biex iġġib l-aħjar prova li setgħet iġġib, ġie diversi drabi interpretat mill-qrati tagħna li jfisser biss li "l-qorti ma kellhiex taċċetta provi li ma kinux l-aħjar provi u li kellha dritt tesiġi li tinġieb dejjem l-aħjar prova"[1]. Fil-kaz in eżami, il-qorti aċċettat il-produzzjoni tad-dokumenti in kwistjoni mingħajr riserva.

»… … …

»Għalhekk, sakemm il-qorti ma kellhiex konvinċiment morali li d-dokumenti setgħu kienu foloz jew jikkontjenu informazzjoni żbaljata, hi kellha almenu tikkunsidrahom u tagħtihom il-piż li jixirqilhom u mhux tinjorahom għal kollox.

»… … …

»Fil-każ in eżami, l-ewwel qorti għoġobha tinjora l-provi kollha prodotti mill-bank appellant, filwaqt li qagħdet fuq xhieda tal-konvenut biss għaliex "għalkemm negozjant, m'huwiex ta' skola u kien jafda ħafna lill-uffiċjali tal-bank. Saħansitra anki waqt id-depożizzjoni tiegħu irrefera għalihom b'rispett".

»… … … dawn huma raġunamenti għal kollox bla bażi, Il-fatt li s-sur Portelli m'huwiex ta' skola ma jneħħi xejn mill-intelliġenza tiegħu, tant li hu għandu storja (*history*) u esperjenza ta' negozjar bħala direttur ta' diversi kumpanniji li kienet tmur lura hafna snin, anki mal-bank appellant, u

[1] »<u>*Nicola Ciantar & Sons v. General Provisions Company Ltd*</u>, deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fit-30 ta' April 2009«

għalhekk ċertament m'huwiex xi persuna ġifa li se tafda lil min ġieb u laħaq mingħajr raġuni valida, kif donna qed tpinġih il-qorti. Ir-rispett lejn l-uffiċiali tal-bank infatti ġie stabbilit minħabba rispett reċiproku lejh da parti tal-istess uffiċjali. Huwa faċli li issa, għax qed jipprova jevita li jħallas dak kollu dovut minnu, jipprova jdawwar l-istorja favurih.

»*Inoltre*, l-ewwel qorti waslet għad-deċizjoni tagħha wkoll għaliex sabitha diffiċli temmen li konvenut kien ser jaċċetta li Ivan Vella jinħeles mill-garanziji a detriment kbir tiegħu stess.

»… … … huwa evidenti li kien dejjem Portelli li mexxa n-negozju, tant li Vella ammetta li hu stess qatt ma tkellem ma xi ħadd mill-bank waħdu, u għalhekk huwa ferm plawżibbli li Vella, anki bħala professjonista, ried jinħeles minn kwalunkwe rabta ta' djun mal-bank, li Portelli daħħlu fihom bin-negozjar tiegħu, u, ġaladarba Vella ħallas dak kollu li kien miftiehem mal-bank li se jħallas, ma kien jagħmel ebda sens li jibqa' marbut b'xi garanziji jew ipoteki mal-bank.

»Lanqas kienet korretta l-ewwel qorti, meta fil-korp tas-sentenza kkummentat li l-bank m'obdiex l-ordni tal-qorti biex jiġi eżibit il-*file* intier tal-bank. Infatti, għalkernm huwa minnu li inizjalment kien hemm oppożizzjoni mill-bank għal din it-talba meta saret mill-kontro-parti, u dan biss minħabba li l-*files* ikunu jikkontjenu wkoll dokumentazzjoni sensittiva, pariri legali u korrispondenza interna, kien ġie maqbul li d-difensur tal-kontro-parti kellu jmur il-bank biex jeżamina l-*file*, ħaġa li naqas li jagħmel. Għalhekk in-nuqqas da parti tal-konvenuti ma kellux jiġi użat kontra l-bank appellant.

»Fir-rigward tal-prova dwar il-garanzija tal-konvenuti, ma jistax jingħad li l-bank ma gabx l-aħjar prova dwar dan jew li huwa b'xi mod plawżibbli li l-appellati ma kinux jafu bil-garanziji, u, fil-każ tal-appellata Doris Portelli, anki li saħansitra ma kinetx taf bid-dejn, għaliex apparti l-firem tagħhom fuq il-garanziji nnifishom, li kopja tagħhom awtentikata minn rappreżent-ant tal-bank ġiet ippreżentata in atti, huma t-tnejn kienu ġew anki notifikati b'ittra uffiċjali datata 19 ta' April 2011 bħala garanti għall-istess dejn, f'liema ittra hemm spjegat l-ammont dovut u kif jinħadern l-imgħax. Jiġi rilevat ukoll, *in vista* tal-eċċezzjonijiet imqajjma mill-konvenuti, li fil-kawża odjerna ma ġew mitluba ebda spejjeż, *oltre* dawk tal-kawża odjerna, kif jirriżulta mill-i*statements* annessi.

»Min-naħa l-oħra, il-konvenuti ma ġabu ebda prova dokumentarja in kontestazzjoni tal-provi li ressaq ii-bank.

»b) Ftehim dwar nuqqas tal-kapital dovut u tal-imgħax:

»Il-qorti waslet għall-konkluzjoni tagħha li l-konvenuti għandhom iħallsu biss is-somma ta' €284,183.14 minħabba li bbażat ruħha fuq 'ftehim' li skont il-konvenuti kien intlaħaq mal-bank.

»Hawnhekk wieħed ma jistax, qabel xejn, ma jikkummentax dwar il-kontradittorjetà tar-raġunament tal-ewwel qorti, li injorat dokumentazzjoni ppreżentata bħala prova mill-bank u mhux ikkontestati, imma qagħdet ċekament fuq dak li qalu l-konvenuti mingħajr ma ppreżentaw ebda dokument biex jikkorroboraw dan il-'ftehim', liema ftehim ġeneralment isir bil-miktub, bħal ma jixhdu l-ittri eżibiti mix-xhud Brian Baldacchino dwar ftehim ta' ripagament li kien ġie ttentat anki qabel il-kawżi li saru kontra *Bolin Construction Limited*. Minflok, il-qorti, fis-sentenza tagħha, ppre-tendiet li kellu jkun il-bank li jressaq dan il-ftehim!

»Il-bank, madankollu, qatt ma nnega li kien hemm stadju fejn il-bank appellant daħal f'diskussjonijiet mal-garanti biex jilħaq ftehim u/jew offerta u/jew arranġament u jaċċetta Lm300,000 mingħand iż-żewġ koppji ta' garanti (u *cioè* Lm150,000 mingħand l-appellati) a saldu tal-bilanċ li kien għadu dovut. Il-bank naturalment xtaq jasal f'arranġament biex jagħlaq il-pendenzi fl-iqsar żmien possibbli u għalhekk wera d-disponibilità li jaċċetta riduzzjoni tal-ammont dovut basta, però, li l-ħlas kellu jsir fuq perjodu ta' żmien qasir miftiehem. Madankollu, filwaqt li Dr Ivan Vella onora l-kundizzjonijiet ta' ħlas li ntrabat bihom permezz tal-istess arranġament, l-istess ma jistax jingħad fir-rigward tal-appellanti li naqsu li jagħmlu l-ħlasijiet kif diskuss. Il-proposta tal-bank kienet soġġetta għall-kondizzjoni li l-garanti jagħmlu l-pagamenti bil-mod kif miftiehem. Ġaladarba ma żammux mar-*repayment programme* li ppropona l-bank, il-konvenuti ma jistgħux tipprovaw jieħdu benefiċċju minn dak li ġie diskuss.

»Kull ma għamel il-bank kien li mexa biex joħloq struttura ta' ripagamenti filwaqt li żamm ferm id-drittijiet li kellu, liema drittijiet jemanaw mill-kreditu pre-eżistenti. Kien hemm biss sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kreditu tal-bank biex tasal għal arranġament mad-debituri.

»L-offerta tal-bank saret taħt kundizzjoni, u ġaladarba l-kundizzjoni ma seħħitx, il-bank ma kellu ebda obbligu li jaċċetta s-somma ta' Lm150,000 għas-saldu tad-dejn tal-konvenuti u għalhekk l-offerta ma baqgħetx tapplika. Dan marbut anki ma' dak li jiddisponi l-artikolu 1063(2) tal-Kap. 16, u *cioè* li l-obbligazzjoni taħt kondizzjoni suspensiva ma teżistix qabel ma l-ġrajja sseħħ.

»Dan infatti huwa dak li kien anki deċiż fil-kawza ohra fl-istess ismijiet <u>*HSBC Bank Malta p.l.c. v.* Joseph Portelli *et*</u> fejn l-istess konvenut kien ipprova jagħmel argumenti simili f'kawża li tirrigwarda dejn ieħor separat li Portelli kellu mal-bank appellant bħala garanti ta' kumpannija oħra.

»Għalhekk, ladarba l-konvenuti ma żammewx mat-termini tal-ftehim, l-effett tal-istess ftehim spiċċa, u konsegwentement il-bank għandu kull dritt jiġbor mingħand il-konvenuti, bħala garanti, il-bilanċ li għadu dovut fuq iż-żewġ faċilitajiet li huwa ta lid-debitriċi prinċipali *Bolin Construction Limited.*«

11. Għalkemm huwa minnu dak li tgħid is-soċjetà apppellanti illi s-sentenzi kontra *Bolin Construction Limited*, id-debitur ewlieni, "huma minnhom innifishom prova konklużiva ta' kemm kien l-ammont dovut mid-debitur prinċipali sa dik id-data", dawk is-sentenzi ma humiex ukoll "prova konklużiva" kontra l-konvenuti tallum li ma kinux parti f'dik il-kawża.

12. L-art. 1958 Kod. Ċiv. jagħti lill-garanti l-jedd illi "jagħti kontra l-kreditur l-eċċezzjonijiet kollha li jista' jagħti d-debitur prinċipali, u li huma mgħaqq-din mad-dejn", ħaġa li l-konvenuti ma setgħux jagħmluha la ma kinux parti

fil-kawża kontra d-debitur ewlieni, iżda l-kreditur ma jistax iċaħħadhom minn dak il-jedd billi ma jħarrikomx fil-kawża għall-kanonizzazzjoni kontra d-debitur ewlieni.

13. Qalet sew għalhekk l-ewwel qorti illi s-sentenzi kontra d-debitur ewlieni, għalkemm jiswew bħala prova, ma humiex "prova konklużiva" kontra l-konvenuti tallum.

14. Tgħid ukoll ħażin l-attriċi illi "huwa ovvju" illi l-konvenuti ma ikkontestawx il-kawżi kontra d-debitur ewlieni għax "kienu jafu li l-ammont mitlub kien dovut u ma kellhom ebda kontestazzjoni valida".

15. Dak li "huwa ovvju" huwa illi ma setgħux jikkontestaw, għax ma kinux parti fil-kawża, u ma tistax issa l-attriċi ċċaħħadhom mill-jedd li jagħtihom l-art. 1958 Kod. Ċiv. illi jikkontestaw billi għażlet li ma ddaħalhomx fil-kawża kontra d-debitur ewlieni.

16. Huwa minnu dak li tgħid l-attriċi illi "l-konvenuti ma kkontestawx il-validità tad-dokumenti mressqa mill-bank" u għalhekk il-qorti setgħet toqgħod fuqhom iżda dan il-fatt ma għandux relevanza determinanti għax id-deċiżjoni tal-ewwel qorri hija msejsa mhux tant fuq kemm kien id-dejn oriġinali u kemm saru ħlasijiet, iżda fuq kemm kellhom jitwemmnu l-konvenuti meta jgħidu li ntlaħaq ftehim li ma jgħaddux aktar imgħaxijiet u illi d-dejn jitnaqqas għal tliet mitt elf lira ta' Malta (Lm300,000) li minnhom il-garanti l-ieħor ħallas in-nofs biex fadal bilanċ ta' mija u ħamsin elf lira (Lm150,000) oħra li kellhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti. Minn dan il-bilanċ il-konvenuti ħallsu tmienja u għoxrin elf (Lm28,000) biex fadal bilanċ ta' mija u tnejn u għoxrin elf (Lm122,000), illum mitejn u erbgħa u

tmenin elf, mija u tlieta u tmenin elf euro (€284,183) u għalhekk l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenuti jħallsu dan il-bilanċ.

17. Il-qofol tal-kwistjoni għalhekk huwa mhux kemm kien id-dejn oriġinali u xi ħlasijiet saru, iżda jekk kienx hemm tassew dan il-ftehim. Id-dokumenti li jagħmlu prova tad-dejn oriġinali huma għalhekk ta' relevanza biss relativa.

18. Lanqas ma huwx minnu illi l-ewwel qorti emmnet lill-konvenuti dwar dan il-ftehim biss għax il-konvenut Joseph Portelli "għalkemm negozjant, ma huwiex ta' skola u kien jafda ħafna lill-uffiċjali tal-bank. Saħansitra anki waqt id-depożizzjoni tiegħu irrefera għalihom b'rispett"; emmnet lill-konvenut għax "kellha l-opportunità li tara lill-konvenut jixhed *viva voce* quddiemha u waslet għall-konvinzjoni li xehed il-verità". L-attriċi qagħdet attenta li ma tirriproduċix din l-aħħar silta li tiġi minnufih qabel is-silta li għażlet li tirriproduċi, u li tagħti r-raġuni tassew għala l-qorti emmnet lill-konvenut.

19. Tassew illi, kif tgħi dl-attriċi, din il-qorti għandha kull setgħa tagħmel apprezzament mill-ġdid u awtonomament tal-kredibilità ta' xhud, iżda trid ikollha raġunijiet tassew konvinċenti biex, meta ma tkunx semgħet lix-xhud u ma tkunx ratu jixhed, u jkollha quddiemha biss it-traskrizzjonijiet tax-xhieda, tasal biex ma toqgħodx fuq stqarrija espressa ta' ġudikant togat illi, għax sema' u ra lill-konvenut jixhed quddiemu, huwa konvint li "xehed il-verità".

20. Xejn fir-rikors tal-appell – l-anqas l-argument illi l-konvenut "ċertament mhuwiex xi persuna ġifa" – ma jwassal lil din il-qorti biex tqis illi hemm

dawk ir-raġunijiet tassew konvinċenti biex ma toqgħodx fuq staqarrija daqshekk qawwija tal-ewwel qorti.

21. L-argument illi "diffiċli temmen li l-konvenut kien ser jaċċetta li Ivan Vella jinħeles mill-garanziji a detriment kbir tiegħu stess" huwa irrelevanti. Jekk id-dejn tnaqqas għal tliet mitt elf lira (Lm300,000) u l-garanti l-ieħor ħallas nofshom, xejn ma hu diffiċli temmen li l-konvenut aċċetta li l-garanti l-ieħor jinħeles talli ħallas sehmu. F'kull każ, jekk il-garanti l-ieħor inħelisx jew le ma għandu ebda relevanza għall-għanijiet tal-appell, ladarba l-ewwel qorti ikkundannat lill-konvenuti jħallsu l-bilanċ kollu tad-dejn li għadu ma tħallasx.

22. Għall-istess raġuni huwa wkoll irrelevanti l-kumment illi mhux "plawżibbli li l-appellati ma kinux jafu bil-garanziji, u, fil-każ tal-appellata Doris Portelli, anki li saħansitra ma kinetx taf bid-dejn"; dan il-kumment kien ikollu relevanza li kieku l-qorti ċaħdet it-talbiet għalkollox, jew ċaħdithom safejn magħmula kontra l-konvenuta Doris Portelli, iżda huwa irrelevanti ladarba ż-żewġ konvenuti ġew kundannati *in solidum* iħallsu l-bilanċ tad-dejn.

23. Dwar it-tieni parti tal-aggravju, li bih is-soċjetà attriċi appellanti tikkontesta li kien hemm "ftehim dwar nuqqas [*recte*, tnaqqis] tal-kapital dovut u tal-imgħax", ġà rajna illi din essenzjalent hija kwistjoni ta' kredibilità tax-xhieda, u rajna wkoll illi l-ewwel qorti stqarret espressament illi "kellha l-opportunità li tara lill-konvenut jixhed *viva voce* quddiemha u waslet għall-konvinzjoni li xehed il-verità"[2].

2 Para. 18, *supra*

24. Dan jikkontrasta ma' stqarrija oħra tal-ewwel qorti, *viz.* illi "ħadd mill-uffiċjali tal-bank involuti direttament ma ttella' jixhed", u s-soċjetà attriċi qagħdet fuq xhud illi "ma jafx l-istorja personalment imma ġabarha mill-*file* relattiv tal-bank". F'dawn iċ-ċirkostanzi, li x'aktarx joħolqu suspett, din il-qorti bħall-ewwel qorti aktar temmen lill-konvenuti.

25. Ma hemm ebda "kontradittorjetà" fir-raġunament tal-ewwel qorti meta waslet biex temmen lill-konvenuti minkejja d-dokumenti illi pproduċiet is-soċjetà attriċi dwar il-konsistenza tad-dejn, għax ma huwiex kontestat li d-dejn kellu dik il-konsistenza sakemm tnaqqas bis-saħħa tal-ftehim li l-ewwel qorti emmnet li seħħ. Rajna[3] illi l-kwistjoni ma hijiex tant kemm kien oriġinament id-dejn u kemm tħallas minnu, iżda jekk kienx hemm ftehim li jitnaqqas.

26. Jekk hemm kontradittorjetà din hija min-naħa tas-soċjetà attriċi, li l-ewwel tiċħad li kien hemm ftehim u mbagħad tagħlaq l-argument tagħha billi tgħid illi "ladarba l-konvenuti ma żammewx mat-termini tal-ftehim, l-effett tal-istess ftehim spiċċa". Jekk l-attriċi tgħid illi ma kienx hemm ftehim, ma' xhiex tgħid illi hija mdendla l-kondizzjoni riżoluttiva li bis-saħħa tagħha tippretendi li l-ftehim "spiċċa"?

27. Dwar il-kawża l-oħra msemmija fir-rikors tal-appell, fejn "l-istess konvenut kien ipprova jagħmel argumenti simili f'kawża li tirrigwarda dejn ieħor separat li Portelli kellu mal-bank appellant bħala garanti ta' kumpannija oħra", biżżejjed jingħad illi fin-nuqas ta' *eadem res* dik is-sentenza ma torbotx lill-konvenuti dwar ir-*res* tal-kawża tallum.

---

3 Para. 16, *supra*

28. Għal dawn ir-raġunijiet din il-qorti taqbel mal-ewwel qorti li emmnet lill-konvenuti dwar l-eżistenza tal-ftehim li bis-saħħa tiegħu d-dejn tnaqqas u l-imgħaxijiet waqfu għaddejjin.

29. L-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

30. Fit-tieni aggravju s-soċjetà attriċi tgħid illi fis-sentenza appellata kien hemm "konsiderazzjoni ta' dritt proċedurali skorretta", u kompliet tfisser dan l-aggravju hekk:

> »Fis-sentenza tagħha, l-ewwel qorti ddeċidiet li "anki jekk ma saritx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, jirriżulta li kien hemm vizzju tal-kunsens fir-rigward tal-ħelsien ta' Mr Vella mill-garanzija u għalhekk din ma tgħoddx.
>
> »Huwa prinċipju magħruf illi l-qorti ċivili għandha, fl-għoti tas-sentenza f'kawża, toqgħod rigorożament fil-limiti tal-kontestazzjoni b'mod illi, waqt li hija obbligata tokkupa ruħha mill-kwestjonijiet kollha dedotti fil-ġudizzju mill-partijiet, min-naħa l-oħra ma tistax tittratta u tirriżolvi kwestjonijiet li l-partijiet ma ssollevawx u ma ssottomettewx għad-deċiżjoni tal-istess qorti, ammenokkè non *si tratta* minn kwestjonijiet ta' ordni pubbliku li l-qorti hija obbligata tissolleva *ex officio*.
>
> »… … …
>
> »Għalhekk ġà mid-dikjarazzjoni … tal-qorti fis-sentenza odjerna … fejn iddikjarat li ma saritx eċċezzjoni formali f'dan is-sens, huwa evidenti li l-ewwel qorti żbaljat proċeduralment meta ikkonkludiet li kien hemm vizzju tal-kunsens fir-rilaxx tal-garanzija u dan għaliex il-validità *o meno* tar-rilaxx mill-garanzija ta' Dr Vella ma kienet qatt mertu tal-kawża, u ċertament din m'hijiex waħda mill-eċċezzjonijiet li għandha titqajjem *ex ufficio*.
>
> »Dan wassal biex il-bank ġie preġudikat għaliex ma ressaq ebda prova rigward il-fatti li ġraw meta l-impjegati tagħha marru għand l-appellati sabiex jiġi ffirmat ir-rilaxx, Għalfejn kellu jressaq tali prova meta dan il-fatt ma kienx ikkontestat fl-eċċezzjoniiiet u ma kienx mertu tal-kawża? Huwa faċli li l-konvenuti, wara li l-bank għalaq il-provi, igħidu li dak li ġew mitluba jiffirmaw ma kiex ġie spjegat lilhom, meta l-bank ma kellux l-opportunità jressaq prova kuntrarja. Dan *oltre* dak li ġà ngħad aktar 'il fuq, u *cioè* li kien ovvju li Vella kellu jiġi rilaxxat minn kwaiunkwe rbit meta hu żamm mal-ftehim li wasal għalih mal-bank, kif kien jaf ben tajjeb il-konvenut Portelli.
>
> »… … … *ai termini* tal-artikoiu 732A [tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili], anki f'każ ta' eċċezzjoni li l-qorti tista' tqajjem *ex ufficio*, xorta waħda, jekk il-kawża tkun tħalliet għas-sentenza, "il-qorti ma għandhiex tagħti dik l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha iżda għondha tagħti dik l-eċċezzjoni fil-qorti bil-miftuħ jew permezz ta' digriet *in camera* u l-partijiet ikunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali

dwar l-eċċezzjoni qabel ma tingħata s-sentenza dwar l-eċċezzjoni mogħtija mill-qorti" bħal ma sar fil-każ in ezami.

»*Di più* anki kieku l-konvenuti kienu effettivament ressqu din l-eċċezzjoni huma stess, xorta waħda ma setgħetx tintlaqa' għaliex talba biex titħassar obbiigazzjoni minħabba vizzju tal-kunsens għandha ssir per *via di azione* permezz ta' kawza *ad hoc* jew almenu kontro-talba, u mhux *per via di eccezione,* ladarba din ma kinetx kawza fejn il-konvenuti kienu qegħdin jiġu mħarrka proprju għall-eżekuzzjoni ta' dak l-obbligu. Dan *oltre* l-fatt li tali dritt ta' azzjoni huwa *ormai* preskritt.

»Għalhekk, anki fid-dubju, li fiċ-ċirkostanzi tal-każ m'huwiex raġonevoli, il-qorti ma kellha qatt tqis ir-rilaxx tal-garanzija ta' Dr Ivan Vella bħala li ma jgħoddx.«

31. Dan huwa kollu irrelevanti.

32. Il-kwistjoni jekk il-garanti l-ieħor inħelisx jew le mill-garanzija hija irrelevanti għall-għanijiet tal-appell, ladarba l-ewwel qorti kkundannat lill-konvenuti jħallsu l-bilanċ kollu li fadal u ma qasmitx il-bilanċ bejnhom u l-garanti l-ieħor. F'kull każ fil-parti dispositiva tas-sentenza ma hemm ebda deċiżjoni dwar jekk il-garanti l-ieħor inħallx jew le. Li qalet l-ewwel qorti hu illi "indipendentement minn dan [*viz.* jekk il-garanti l-ieħor inħallx], iżda, bil-ħlas minn Mr Vella, id-debitu xorta waħda naqas bin-nofs". Dak li ntqal dwar il-ħelsien tal-garanti l-ieħor huwa għalhekk biss *obiter*.

33. Inċidentalment, u biss biex ma jinħolqox preċedenti żbaljati b'asserzjonijiet dommatiċi, għandu jingħad illi huwa ħażin dak li tgħid l-attriċi illi "talba biex titħassar obbligazzjoni minħabba vizzju tal-kunsens għandha ssir per *via di azione* permezz ta' kawza *ad hoc* jew almenu kontro-talba, u mhux *per via di eccezione*" u illi "tali dritt ta' azzjoni huwa *ormai* preskritt".

34. L-art. 1226 Kod. Ċiv. igħid espressament:

> »**1226.** (1) L-eċċezzjoni ta’ nullità tista’, f’kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta’ jaġixxi għar-rexxissjoni.
>
> »(2) Din l-eċċezzjoni ma taqax taħt il-preskrizzjoni stabbilita fl-artikoli 1222 u 1224.«

li jfisser mhux biss illi n-nullità jew rexxissjoni minħabba vizzju tal-kunsens tista’ tintalab b’eċċezzjoni, u mhux bilfors b’azzjoni jew b’rikonvenzjoni, iżda wkoll illi ma taqax bi preskrizzjoni.

35. Dan l-aggravju wkoll huwa, għalhekk, miċħud.

36. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata; dawk tal-appell tħallashom is-soċjetà attriċi appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm